# Il-Ħdax-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Siġra żgħira nkabbarha.*

Eżek 17, 22-24

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel**

22 Dan jgħid Sidi l-Mulej:
«Jien naqta' mill-quċċata taċ-ċedru l-għoli,
minn tarf il-friegħi l-għolja, rimja żgħira,
u nxettilha fuq il-muntanja għolja u kbira;
23 fuq il-muntanja l-għolja ta' Iżrael inxettilha.

U hi toħroġ il-friegħi, u tagħmel il-frott,
u ssir siġra sabiħa taċ-ċedru.
U taħtha jistkenn kull tajr tal-ġwienaħ,
jistkennu għad-dell tal-friegħi tagħha.

24 U jagħrfu s-siġar kollha tar-raba'
li jien il-Mulej,
li siġra għolja nċekkinha, u siġra żgħira nkabbarha;
innixxef is-siġra l-ħadra, u n-niexfa bil-weraq inħaddarha.
Jien, il-Mulej, tkellimt, u li għedt nagħmlu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 91 (92), 2-3.13-14.15-16

R/. (2a): Tajjeb li nfaħħru l-Mulej

2 Tajjeb li nfaħħru l-Mulej,
li ngħannu lil ismek, inti l-Għoli,
3 inxandru filgħodu t-tjieba tiegħek,
u billejl il-fedeltà tiegħek. R/.

13 Il-bniedem ġust bħall-palma jħaddar,
bħal ċedru tal-Libanu jikber.
14 Imħawlin f'dar il-Mulej,
iħaddru fil-btieħi tat-tempju ta' Alla tagħna. R/.

15 Sa fi xjuħithom il-frott jagħmlu,
kollhom ħajja u ħdura,
16 biex ixandru li ġust hu l-Mulej, blata tiegħi,
u ebda qerq ma jinsab fih. R/.

# Qari II

*Infittxu li nogħġbu lill-Mulej, sew jekk nibqgħu hawn,*
*sew jekk noħorġu minn dan il-ġisem.*

2 Kor 5, 6-10

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, 6 aħna dejjem qalbna qawwija u nafu li sakemm indumu
mlibbsa b'dan il-ġisem, nibqgħu 'l bogħod mill-Mulej - għax 7 aħna
ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni. 8 Aħna qalbna qawwija u persważi
li aħjar noħorġu minn dan il-ġisem u mmorru noqogħdu għand
il-Mulej.

9 Għalhekk fuq kollox aħna nfittxu li nogħġbu lilu, sew jekk nibqgħu
hawn, sew jekk noħorġu minn dan il-ġisem.

10 Jeħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu,
ħalli kulħadd jieħu skont it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta
kien għadu ħaj fil-ġisem.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Hallelujah. R/. Hallelujah
Iż-żerriegħa hi l-kelma ta' Alla,
min jiżragħha hu Kristu;
min isib lilu jgħix għal dejjem.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Hi l-iċken fost iż-żrieragħ kollha, imma ssir l-akbar waħda fost il-ħxejjex kollha.***

Mk 4, 26-34

## Qari mill-Evanġelju skont San Mark

F’dak iż-żmien, Ġesù qal lill-kotra tan-nies: [26]«Is-Saltna ta’ Alla hi
bħal meta raġel ikun xeħet iż-żerriegħa fl-art. [27]Rieqed jew imqajjem,
billejl jew binhar, iż-żerriegħa tinbet u tikber, bla ma jaf kif. [28]L-art
trodd minnha nfisha l-ewwel il-barma, imbagħad is-sbula, imbagħad
il-qamħ mimli fis-sbula. [29]U meta l-frott isir, malajr il-bidwi jmidd idu
għall-minġel, għax ikun wasal żmien il-ħsad.»

[30]U qal: «Ma’ xiex sejrin inqabbluha s-Saltna ta’ Alla, jew b’liema
parabbola nfissruha? [31]Qisha żerriegħa tal-mustarda; din meta
tinżara’ fil-ħamrija, hi l-iċken fost iż-żrieragħ kollha fuq l-art; [32]imma
wara li tinżara’ tikber u ssir l-akbar waħda fost il-ħxejjex kollha,
u toħroġ friegħi wesgħin, hekk li l-għasafar tal-ajru jkunu jistgħu
jistkennu għad-dell tagħha.»

[33]B’ħafna parabboli bħal dawn kien ixandrilhom il-kelma, kif
kienu jistgħu jifhmuha huma, [34]u mingħajr xi parabbola ma kienx
ikellimhom; imma lid-dixxipli tiegħu, meta kien ikun waħdu
magħhom, kien ifissrilhom kollox.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu